

Brussell, 15 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11187/1/19
REV 1

CO EUR-PREP 24

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika - Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza għall-Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-18 ta' Lulju 2019

INTRODUZZJONI

F'Ġunju 2019 il-Kunsill Ewropew adotta l-Aġenda Strateġika 2019-2024 tal-UE. Din hija maħsuba biex tiggwida l-ħidma tal-Istituzzjonijiet fil-ħames snin li ġejjin, b'enfasi fuq erba' oqsma ta' prijetorità prinċipali.

Kif iddikjarat fl-Aġenda Strateġika, l-UE trid tagħti lilha nnifisha l-mezzi biex tissodisfa l-ambizzjonijiet tagħha, tikseb l-oġettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha.

Jenħtieġ li l-Kunsill jagħmel il-parti tiegħu biex isarraf il-prijoritajiet il-ġodda f'realtà u jiżgura li l-UE tisfrutta l-potenzjal tagħha u tissodisfa l-aspettattivi taċ-ċittadini. Dan ser jeħtieġ:

- l-integrazzjoni tal-prijoritajiet tal-Aġenda Strateġika l-ġdida fil-ħidma tal-Kunsill,
- rieżami tal-metodi ta' ħidma tal-Kunsill, u
- ir-rispett tal-prinċipji trasversali li jiggwidaw il-ħidma tal-Kunsill.

L-integrazzjoni tal-prijoritajiet tal-Aġenda Strateġika l-ġdida fil-ħidma tal-Kunsill

L-erba' priyoritajiet ewlenin tal-Aġenda Strateġika huma:

1. Il-ħarsien taċ-ċittadini u tal-libertajiet
2. L-iżvilupp ta' bażi ekonomika soda u vibranti
3. Il-bini ta' Ewropa b'effett newtrali fuq il-klima, ekoloġika, ġusta u soċjali
4. Il-promozzjoni tal-interessi u l-valuri Ewropej fix-xena globali.

Il-Presidenza Finlandiża ser tibda tintegra dawn il-prijoritajiet fil-ħidma tal-Kunsill. Hija ser tiżgura li l-prijoritajiet jiġu diskussi f'konfigurazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill u, f'ċerti każijiet, f'laqgħat ministerjali informali. L-anness ta' dan id-dokument jipprovdi indikazzjoni tentattiva dwar meta u f'liema konfigurazzjoni ser jiġu eżaminati l-kwistjonijiet ewlenin.

Il-Kunsill Affarjiet Ġenerali ser jaqdi rwol ta' koordinazzjoni f'dan il-proċess. L-iskambju ta' fehmiet fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Lulju ser jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' approċċ komprensiv.

Rieżami tal-metodi ta' ħidma tal-Kunsill

Skont l-Aġenda Strateġika, kull istituzzjoni għandha teżamina mill-ġdid il-metodi ta' ħidma tagħha u tirrifletti dwar l-aħjar mod kif tista' tissodisfa r-rwol tagħha skont it-Trattati.

Jeħtieġ li niżguraw li l-Kunsill jiffunzjona b'mod li jappoġġa l-implimentazzjoni b'suċċess tal-prijoritajiet il-ġodda. Huwa għandu jkun kapaċi jitratta sfidi u opportunitajiet multidimensjonali b'mod komprensiv.

Għaldaqstant, il-Presidenza Finlandiża stabbiliet għadd ta' temi li matul ix-xhur li ġejjin għandhom jiġu eżaminati mill-Coreper, abbażi ta' dokumenti informali tal-Presidenza. Fi tmiem dan il-proċess, il-Presidenza ser tippreżenta rapport ta' sinteżi, li ser jinkludi rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb ta' deċiżjonijiet rilevanti u miżuri konkreti oħra.

Ir-rispett tal-prinċipji trasversali li jiggwidaw il-ħidma tal-Kunsill

L-aħħar kapitolu tal-Aġenda Strateġika ("Inwettqu l-prijoritajiet tagħna") jistabbilixxi diversi prinċipji importanti li għandhom jiggwidaw il-ħidma tal-Kunsill.

L-Istituzzjonijiet ser jaħdmu f'konformità mal-ispirtu u l-kelma tat-Trattati. Huma ser jirrispettaw il-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, it-trasparenza u l-ugwaljanza bejn iċ-ċittadini u bejn l-Istati Membri. L-Aġenda Strateġika tinnotta li governanza tajba tiddependi wkoll fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar rigorużi tal-politiki u r-regoli maqbula, li jridu jiġu ssorveljati mill-qrib.

F'konformità mal-Aġenda Strateġika, regolamentazzjoni aħjar, inkluż il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, għandha tibqa' fil-qalba tal-ħidma tal-Kunsill. Huwa wkoll importanti li nikkollaboraw maċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali, kif ukoll mal-atturi reġjonali u dawk lokali.

It-triq 'il quddiem

Kif iddikjarat fl-Aġenda Strateġika, il-Kunsill Ewropew ser isegwi l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet mill-qrib u ser jiddefinixxi aktar direzzjonijiet u priyoritajiet politiċi ġenerali skont kif ikun meħtieġ. Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti s-segwitu għall-Aġenda Strateġika f'Ottubru 2019.

Il-Kunsill Affarijiet Ġenerali ser jerġa' lura għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika f'Ottubru u Diċembru bħala parti mit-tħejjija u s-segwitu tal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew. Il-Prim Ministru Finlandiż għandu jirrapporta lill-Kunsill Ewropew dwar il-progress miksub fil-Kunsill f'Ottubru u Diċembru.

Fejn meħtieġ, id-dokumenti dwar it-triq 'il quddiem fi hdan il-Kunsill b'rabta mal-kwistjonijiet ewlenin ser jiġu elaborati sa tmien is-sena.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Ministri huma gentiment mistiedna jqisu l-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. Fil-fehma tiegħek, kif jista' l-Kunsill jiżgura bl-aħjar implimentazzjoni effiċjenti tal-Aġenda Strateġika, b'kont meħud tal-isfidi u l-opportunitajiet multidimensjonali li għandna quddiemna?*
- 2. X'jista' jagħmel il-Kunsill biex jintegra aktar il-prinċipji trasversali stabbiliti fil-kapitolu V tal-Aġenda Strateġika ("Inwettqu l-prijoritajiet tagħna"), b'mod partikolari ż-żieda fit-trasparenza u t-tqarrib tal-UE lejn iċ-ċittadini?*

Il-Presidenza tistieden lill-parteċipanti biex jillimitaw l-interventi tagħhom għal massimu ta' tliet minuti.

Indikazzjoni tentattiva dwar meta u f'liema konfigurazzjoni tal-Kunsill ser jiġu eżaminati l-kwistjonijiet ewlenin taħt l-Aġenda Strateġika

PRIJORITÀ 1: IL-ĦARSIEN TAĊ-ĊITTADINI U TAL-LIBERTAJIET

*Il-kwistjonijiet ġenerali li jaqgħu taħt din l-intestatura ta' prijorità jinkludu r-rispett tal-istat tad-dritt; l-iżvilupp tal-politika komprensiva tal-UE dwar il-migrazzjoni; il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali; it-titjib tal-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni; u l-protezzjoni kontra attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, theddid ibridu u diżinformazzjoni. Dawn l-oqsma ta' politika ser jiġu indirizzati f'konfigurazzjonijiet varji tal-Kunsill. Barra minn hekk, il-Presidenza beħsiebha torganizza sensiela ta' dibattiti fil-livell tal-Kunsill u tal-kumitati dwar il-ġejjieni tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja sabiex tidentifika l-elementi kostitwenti għal **linji gwida strateġiċi** li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Ewropew skont l-Artikolu 68 TFUE.*

Stat tad-Dritt

- *Il-KAĠ ta' Lulju - Diċembru:* l-istat tad-dritt jidher fuq l-aġendi kollha. Id-djalogu tal-Kunsill dwar l-istat tad-dritt ser jiġi evalwat fil-KAĠ ta' Novembru, abbażi ta' diskussjoni u kwistjonarju varati fil-KAĠ ta' Settembru. Tkompli wkoll id-diskussjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu bilanċjat sew sabiex il-baġit tal-UE jiġi protett f'każ ta' nuqqasijiet fl-istat tad-dritt.
- *Laqgħa Informali f'Lulju tal-Ministri għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni:* dibattitu dwar il-ġejjieni tal-ġustizzja tal-UE b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-istat tad-dritt - l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja u l-importanza ta' proċess ġust.
- *Il-Kunsill ĠAI ta' Diċembru:* Rapport tal-Presidenza dwar id-diskussjonijiet relatati mal-istat tad-dritt fil-qasam tal-ġustizzja.
- *10-11 ta' Settembru:* fil-KAĠ ta' Settembru u l-Kunsill ĠAI ta' Ottubru għandu jingħata rapport dwar il-Konferenza tal-Presidenza (Helsinki) dwar "Kif tiġi żgurata r-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna f'kuntest Ewropew dejjem *jibidel* - L-interazzjoni bejn id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali".

Ġustizzja kriminali u l-kooperazzjoni f'kwistjonijiet kriminali

- *Il-Kunsill ĠAI ta' Ottubru*: evidenza elettronika; negozjati għal ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar aċċess transkonfinali għall-evidenza elettronika; (poss.) approċċ ġenerali parzjali dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja; l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew; il-liġi kriminali fil-qasam tal-ambjent; ir-rapport annwali tal-Eurojust għall-2018; it-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka għall-appoġġ tal-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku.
- *Il-Kunsill ĠAI ta' Diċembru*: il-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità; (poss.) dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-ġejjieni tal-ġustizzja kriminali diġitali.

Dritt ċivili

- *Il-Kunsill ĠAI ta' Ottubru*: (poss.) dibattitu ta' orjentazzjoni dwar Regolamentazzjoni aħjar, Kwalità tal-Leġislazzjoni u Implimentazzjoni Effettiva.

Migrazzjoni

- *Laqgħa Informali f'Lulju tal-Ministri għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni*: dibattitu dwar il-ġejjieni tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE ffukat fuq l-interazzjoni bejn Schengen, l-asil u r-ritorn.
- *Il-Kunsill ĠAI ta' Ottubru*: skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni attwali. Il-ministri ser jirċievu wkoll informazzjoni mill-Presidenza dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament li jemenda r-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.
- *24-25 ta' Ottubru*: Konferenza tal-Presidenza (Helsinki) dwar "Minn Tampere 20 għal Tampere 2.0 – Lejn programm ġdid għal politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil".
- *Il-Kunsill ĠAI ta' Diċembru*: dibattitu ta' orjentazzjoni u konklużjoni tal-proċess ta' riflessjoni dwar il-ġejjieni tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil.

Sigurtà interna/terroriżmu

- *Laqgħa Informali f'Lulju tal-Ministri għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni*: dibattitu dwar il-ġejjieni tas-sigurtà interna b'enfasi fuq il-kooperazzjoni operattiva u dwar ir-rwol tal-aġenziji tal-UE.
- *Il-Kunsill ĠAI ta' Ottubru*: dibattiti ta' orjentazzjoni dwar teknoloġiji ġodda, dwar theddid ibridu u dwar it-terroriżmu tal-lemin estrem.
- *Il-Kunsill ĠAI ta' Diċembru*: dibattitu ta' orjentazzjoni u konklużjoni tal-proċess ta' riflessjoni dwar il-ġejjieni tas-sigurtà interna tal-UE; *konklużjonijiet* dwar il-kooperazzjoni tal-Europol mas-sħab strateġiċi; dibattitu ta' orjentazzjoni / rapport ta' progress dwar ir-Regolament dwar il-prevenzjoni tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online.

Skambju ta' informazzjoni

- *Il-Kunsill ĠAI ta' Diċembru*: (poss.) qbil proviżorju dwar l-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS; skambju ta' *fehmiet* dwar l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE fuq skala kbira u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE.

Theddid ibridu

- *Laqgħa Informali f'Lulju tal-Ministri għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni*: diskussjoni ta' politika dwar it-theddid ibridu bbażata fuq xenarji.
- *22 ta' Lulju*: l-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' *Ħidma orizzontali l-ġdid* dwar it-Tisħiħ tar-Reżiljenza u l-*Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu*.
- *Laqgħa Informali f'Awwissu tal-Ministri għad-Difiża u ta' Gymnich*: diskussjoni dwar it-theddid ibridu.
- *Laqgħa Informali f'Settembru tal-Ministri għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji*: diskussjoni dwar ir-reżiljenza tas-swieq *finanzjarji* u r-rwol tas-settur finanzjarju fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu.
- *Il-Kunsill ĠAI tas-7 u t-8 ta' Ottubru*: diskussjoni dwar is-sigurtà interna u t-theddid ibridu.
- *6 ta' Novembru*: *Seminar* organizzat mill-Presidenza dwar "Infrastruttura kritika u theddid ibridu" (Brussell).
- *KAG tal-10 ta' Diċembru*: skambju ta' *fehmiet* dwar reazzjonijiet għat-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni; adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu.

PRIJORITÀ 2: L-IŻVILUPP TA' BAŻI EKONOMIKA SODA U VIBRANTI

*Il-kwistjonijiet ewlenin taħt din l-intestatura jinkludu t-tiġdid tal-bażi għal tkabbir sostenibbli u inklużiv fit-tul; l-iżgurar tar-reżiljenza u r-rwol internazzjonali tal-euro; approċċ integrat għall-approfondiment u t-tisħiħ tas-Suq Uniku; it-tfassil ta' **politika industrijali moderna** tal-UE; l-indirizzar tar-rivoluzzjoni **diġitali u l-intelliġenza artifiċjali**; l-iżgurar ta' **tassazzjoni** ġusta u effikaċi; l-investment fil-**hili**et u l-**edukazzjoni**; it-trawwim tal-**intraprenditorija u l-innovazzjoni**; l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-qasam tal-**kummerċ** u l-iżgurar ta' **kompetizzjoni** ġusta. Dawn l-oqsma ta' politika ser jiġu indirizzati f'konfigurazzjonijiet varji tal-Kunsill:*

Suq Uniku u politika industrijali

- *Laqgħa Informali f'Lulju tal-Ministri Responsabbli għall-Kompetittività*: Tkabbir Sostenibbli — Soluzzjonijiet intelliġenti għal Ewropa *kompetittiva* u b'impatt newtrali fuq il-klima; – Integrazzjoni tas-Suq Uniku, Ekonomija Diġitali Dinamika u Politika Industrijali Moderna.

- *Laqgħa Informali f'Lulju tal-Ministri għall-Ambjent/il-Klima*: il-potenzjal tas-soluzzjonijiet ta' ekonomija ċirkolari u diskussjoni dwar il-passi li jmiss għal ekonomija ċirkolari 2.0 possibbli tal-UE.
- *Il-Kunsill COMPET ta' Settembru*: Preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-"Eżami tal-Kompetittività" tagħha.
- *Il-Kunsill COMPET ta' Settembru*: Dibattiti ta' orjentazzjoni dwar viżjoni għal strateġija fit-tul dwar it-tkabbir sostenibbli.
- *Il-Kunsill ENVI ta' Ottubru*: Konklużjonijiet dwar is-segwitu b'rabta mal-ekonomija ċirkolari.
- *Il-Kunsill COMPET ta' Novembru*: is-sitwazzjoni attwali tal-pjan ta' azzjoni fit-tul għas-Suq Uniku u l-politiki industrijali.
- *Novembru*: il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-komunikazzjoni tagħha dwar kompetizzjoni ġusta fi ħdan is-Suq Uniku u fuq livell globali.

Politiki diġitali

- *22 ta' Ottubru*: Konferenza tal-*Presidenza* dwar il-Gvern Diġitali (Helsinki).
- *25-26 ta' Novembru*: Konferenza tal-*Presidenza* dwar l-Ekonomija tad-Data (Helsinki).
- *Il-Kunsill COMPET ta' Novembru*: dibattitu ta' orjentazzjoni dwar "Il-governanza għal ekonomija diġitali kompetittiva, sigura, inklużiva u etika".
- *Il-Kunsill EYCS ta' Novembru*: diskussjoni dwar l-aspetti relatati mal-edukazzjoni u mat-taħriġ tal-intelliġenza artifiċjali.
- *Il-Kunsill TTE ta' Diċembru*: dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-passi li jmiss fl-ekonomija tad-data.
- *Il-Kunsill TTE ta' Diċembru*: skambju ta' fehmiet dwar iċ-ċibersigurtà tan-networks 5G.
- *Il-Kunsill ĠAI ta' Diċembru*: diskussjoni dwar l-aspetti ġudizzjarji tal-intelliġenza artifiċjali.

Riċerka u innovazzjoni

- *Laqgħa Informali f'Lulju tal-Ministri Responsabbli għall-Kompetittività*: Tkabbir sostenibbli – Riċerka u innovazzjoni bħala muturi għat-tkabbir sostenibbli.
- *Il-Kunsill COMPET ta' Settembru*: dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-pakkett Orizzont Ewropa: Sinerġiji ma' programmi oħra.
- *Il-Kunsill COMPET ta' Novembru*: Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija aġġornata tal-UE dwar il-Bioekonomija.
- *Il-Kunsill COMPET ta' Novembru*: approċċ parzjali ġenerali jew rapport ta' progress dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u d-Deċiżjoni dwar l-aġenda strateġika ta' innovazzjoni tal-EIT.

Ħiliet u edukazzjoni

- *Il-Kunsill EPSCO ta' Ottubru*: dibattitu ta' orjentazzjoni "Tlaqqigħ tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol fid-dinja l-ġdida tax-xogħol".
- *Il-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport ta' Novembru mal-Ministri għall-Finanzi*: dibattitu dwar il-kisba tal-*effettività*, l-*effiċjenza* u l-*kwalità* tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
- *Il-Kunsill EYCS ta' Novembru*:
 - Konkluzjonijiet dwar it-tagħlim tul il-ħajja.
 - Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-appoġġ għal sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ orjentati lejn il-ġejjieni fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni.
 - Konklużjonijiet dwar il-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-iżvilupp tal-ħiliet tagħhom.

Unjoni Ekonomika u Monetarja

- *Il-Kunsill ECOFIN ta' Novembru*: is-sitwazzjoni attwali tal-Istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività, kif ukoll proposti leġiżlattivi pendenti dwar is-servizzi finanzjarji.
- *Il-Kunsill ECOFIN ta' Diċembru*: it-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja.

Tassazzjoni

- *Il-Kunsill ECOFIN ta' Novembru*: tassazzjoni diġitali u kwistjonijiet ta' tassazzjoni oħra (inkluż bażi komuni għat-taxxa korporattiva u punti relatati mal-VAT).
- *Il-Kunsill ECOFIN ta' Diċembru*: rapport lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' tassazzjoni, u dibattitu ta' orjentazzjoni rigward id-Direttiva dwar is-*Sistema Definitiva* tal-VAT.

PRIJORITÀ 3: IL-BINI TA' EWROPA B'EFFETT NEWTRALI FUQ IL-KLIMA, EKOLOĠIKA, ĠUSTA U SOĊJALI

*L-obiettivi ta' politika taħt din l-intestatura jinkludu r-rwol ta' tmexxija tal-UE fir-rigward tat-**tibdil fil-klima**; il-promozzjoni tal-agrikoltura **sostenibbli**; l-għoti ta' attenzjoni partikolari lill-**kwistjonijiet soċjali** u l-indirizzar ta' **inugwaljanzi**. Dawn l-oqsma ta' politika ser jiġu indirizzati f'konfigurazzjonijiet varji tal-Kunsill:*

Klima

- *Laqgħa Informali f'Lulju tal-Ministri Responsabbli għall-Kompetittività*: Tkabbir Sostenibbli — *Soluzzjonijiet intelliġenti għal Ewropa kompetittiva u b'impatt newtrali fuq il-klima.*

- *Laqgħa Informali f'Lulju tal-Ministri għall-Ambjent/il-Klima*: gruppi ta' ħidma dwar a) l-ambizzjoni u l-messaġġi klimatiċi tal-UE u b) it-tisħiħ tal-ambizzjoni globali u c) il-potenzjal tas-soluzzjonijiet ta' ekonomija ċirkolari u diskussjoni dwar il-passi li jmiss għal ekonomija ċirkolari 2.0 possibbli tal-UE.
- *Il-Kunsill EPSCO ta' Lulju*: aspetti marbuta mal-impjegi tal-viżjoni strateġika fit-tul tal-UE għal ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima.
- *Il-Kunsill AGRIFISH ta' Lulju*: dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-aspetti marbuta mal-ambjent u l-klima tar-riforma tal-PAK.
- *Il-Kunsill TTE ta' Settembru*: aspetti tat-trasport tal-viżjoni strateġika fit-tul tal-UE għal ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima; skambju ta' fehmiet dwar it-triq 'il quddiem għas-settur tal-enerġija lil hinn mill-2030.
- *Il-Kunsill COMPET ta' Settembru*: dibattiti ta' orjentazzjoni dwar strateġija fit-tul għat-tkabbir sostenibbli.
- *Laqgħa Informali f'Settembru tal-Ministri għall-Agrikoltura*: dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u dwar ir-rwol tas-sekwestru tal-karbonju fl-agrikoltura.
- *Il-Kunsill Ambjent ta' Ottubru*: dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-viżjoni strateġika fit-tul tal-UE għal ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima; konklużjonijiet dwar it-tħejjijiet tal-COP 25; Konklużjonijiet dwar is-segwitu b'rabta mal-ekonomija ċirkolari.
- *30-31 ta' Ottubru*: Konferenza internazzjonali "Finanzjament aktar Ekoloġiku għal Ġejjieni Sostenibbli", ospitata b'mod konġunt mill-Bank tal-Finlandja u l-Ministeru Finlandiż għall-Finanzi (Helsinki).
- *Il-Kunsill COMPET ta' Novembru*: Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija aġġornata tal-UE dwar il-Bioekonomija.
- *Il-Kunsill ECOFIN ta' Novembru*: konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima għall-COP25 *Il-Kunsill Ewropew f'Diċembru*: provvedimenti ta' gwida dwar l-istrateġija fit-tul tal-UE peress li l-UE, skont il-Ftehim ta' Pariġi, għandha tippreżenta l-istrateġija fit-tul tagħha għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) sal-2020.
- *Il-Kunsill kmieni fl-2020*: adozzjoni tal-istrateġija fit-tul tal-UE, li għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni kmieni fl-2020 abbażi tal-gwida tal-Kunsill Ewropew.
- *Il-Kunsill ENVI ta' Diċembru*: Konklużjonijiet dwar il-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020.

Agrikoltura sostenibbli

- *Il-Kunsill AGRIFISH ta' Lulju-Diċembru*: agrikoltura sostenibbli u l-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020.
- *Il-Kunsill AGRIFISH ta' Lulju*: aspetti ambjentali u klimatiċi tal-PAK ta' wara l-2020.
- *Laqgħa Informali f'Settembru tal-Ministri għall-Agrikoltura*: potenzjal tas-sekwestru tal-karbonju tal-agrikoltura u l-forestrija.

Bijodiversità

- *Il-Kunsill ENVI ta' Diċembru: Konklużjonijiet dwar il-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020.*

Unjoni tal-Enerġija

- *Il-Kunsill TTE ta' Settembru: Komunikazzjoni dwar l-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u "Uniti fit-twettiq tal-Unjoni tal-Enerġija u l-azzjoni klimatika".*

Kwistjonijiet soċjali

- *Il-Kunsilli EPSCO ta' Lulju, Ottubru u Diċembru: l-"ekonomija tal-benesseri" (Lulju u Ottubru) u l-aspetti tas-saħħa tagħha (Diċembru), żviluppi internazzjonali fil-politiki tal-impjieg u dawk soċjali (Lulju), (possibbilment) *teħid* ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti fil-politika soċjali (Ottubru), il-ġejjieni tax-xogħol u l-liġi tax-xogħol tal-UE, u konklużjonijiet dwar l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni li jsibuha diffiċli biex isibu impjieg (Diċembru), rieżami regolari tas-suġġetti soċjali u dawk dwar l-impjiegi taħt il-punt permanenti tas-"Semestru Ewropew", u konklużjonijiet possibbli dwar it-tisħiħ tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fl-UE (Diċembru).*
- *16 ta' Ottubru: Summit soċjali tripartitiku, għoti ta' rendikont lill-Kunsill EPSCO fl-24 ta' Ottubru*

Ugwaljanza

- *23-24 ta' Settembru: Konferenza tal-Presidenza (Brussell) dwar it-"Twettiq ta' Progress fl-Ugwaljanza għal Persuni LGBTI fl-UE".*
- *Il-Kunsill EPSCO ta' Ottubru: dibattitu ta' orjentazzjoni "Perkorsi strateġiċi għat-tisħiħ ta' miżuri kontra d-diskriminazzjoni".*
- *Il-Kunsill EPSCO ta' Diċembru: dibattitu dwar "Il-ġejjieni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-UE", u konklużjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri wara l-2020 ("Beijing +25").*

PRIJORITÀ 4: NIPPROMWOVU L-INTERESSI U L-VALURI EWROPEJ FID-DINJA

L-Aġenda Strateġika titlob li l-UE ssir aktar assertiva u effettiva fid-difiża tal-interessi u l-valuri tagħha, aktar magħquda fil-pożizzjonijiet li nieħdu, u aktar determinata u effettiva fl-eżerċizzju tal-influwenza tagħna. L-Aġenda Strateġika titlob ukoll li l-PESK u l-PSDK tal-UE jsiru aktar reattivi u attivi u marbuta aħjar mal-fergħat l-oħra tar-relazzjonijiet esterni. Hija tenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-UE terfa' responsabbiltà akbar għas-sigurtà u d-difiża tagħha stess.

L-objettivi ta' politika taħt din l-intestatura jinkludu d-difiża tal-multilateraliżmu u tal-ordni internazzjonali globali bbażat fuq ir-regoli; il-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, l-appoġġ għall-perspettiva Ewropea għal Stati Ewropej li jistgħu u li jixtiequ jissieħbu; it-twettiq ta' politika tal-viċinat ambizzjuża u politika kummerċjali ambizzjuża u robusta; l-iżvilupp ta' sħubija komprensiva mal-Afrika u PESK u PSDK aktar reattivi u attivi. Dawn il-kwistjonijiet ser jiġu indirizzati f'konfigurazzjonijiet varji tal-Kunsill:

Tkabbir

- *Il-KAĠ ta' Ottubru: skambju ta' fehmiet u adozzjoni tal-konklużjonijiet dwar "it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għall-Albanija u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq".*

Kummerċ

- *Il-Kunsill Affarijiet Barranin (Kummerċ) ta' Novembru: ir-relazzjonijiet kummerċjali inkluż relazzjonijiet kummerċjali fid-WTO, bilaterali u reġjonali, l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs), relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti u l-UE u ċ-Ċina.*

Żvilupp

- *L-ECOFIN ta' Ottubru: Preżentazzjoni tar-rapport mill-Grupp ta' Livell Għoli ta' Persuni Għorrief dwar l-Arkitettura Finanzjarja Ewropea għall-Iżvilupp u skambju ta' fehmiet.*

Sħubija komprensiva mal-Afrika

- *Il-Kunsill Affarijiet Barranin (Żvilupp) ta' Novembru: diskussjoni dwar ftehim ġdid ta' wara Cotonou.*
- *Il-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Diċembru: diskussjoni dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana.*

PESK u PSDK

Il-Kunsill Affarijiet Barranin (Difiża) ta' Novembru: skambju ta' fehmiet dwar is-sigurtà u d-difiża, dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u n-NATO u dwar il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK.